30 ta' Jannar, 1954

Imħallef:

Onor. Dr. W. Harding, B. Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Dr. Richard Giacomotto, M.D.

**Tabib — Mard Denunzjabbli — Art. 7 u art. 38 tal-Kap. 59**

***Kwalunkwe tabib li jkollu pazjent taħt il-kura tiegħu għandu l-obbligu, malli jsir jaf li l-pazjent qiegħed isofri minn xi marda li hu dover tiegħu li jiddenunzja skond il-liġi, jibgħat lis-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika ċertifikat li fih isemmi, fost ħwejjeġ oħra, il-marda li, fl-opinjoni ta' dak it-tabib, il-pazjent ikun isofri minnha.***

***Dan l-obbligu tat-tabib jissussisti anki meta huwa jkollu sempliċi suspett ta' dik il-marda.***

***U dan l-obbligu jeżisti anki jekk ikun hemm aktar minn tabib wieħed jaraw il-pazjent; b'mod li ma jistax it-tabib jeħles mill-ħtija ta' nuqqas milli jibgħat dak iċ-ċertifikat billi jallega li dak iċ-ċertifikat ġie mibgħut minn tabib ieħor li kien jara flimkien miegħu lil dak il-pazjent.***

Fuq l-imputazzjoni li kellu marid taħt il-kura tiegħu u naqas li minnufiħ, malli nduna li l-marid għandu marda li għaliha tirriferixxi l-liġi rilevanti, jibgħat lis-Superintendent tas-Saħħa Publika ċ-ċertifikat preskritt mill-liġi, l-imsemmi Dottor Giacomotto, b'sentenza tal-Qorti Kriminali tat-28 ta' Ottubru, 1953, ġie misjub ħati u kundannat għall-piena ta' multa ta' £1;

L-imputat appella minn din id-deċiżjoni:

Trattat l-appell tiegħu, din il-Qorti tal-Appell, wara li semgħet l-argumenti tad-difiża u tal-Prosekuzzjoni, irriflettiet;

L-artikolu materjali għall-każ — art. 7 Kap. 59 Ediz. Riv. — jgħid hekk:— "Every medical practitioner attending on or called in to visit the patient, shall forthwith, on becoming aware that the patient is suffering from a disease to which this Part of the Ordinance applies, send to the Superintendent a certificate, stating the age and address of the patient, and

the disease from which, in the opinion of such medical practitioner, the patient is suffering'';

Ma' dan l-artikolu hemm bżonn li jiġi kkollegat l-art. 38, li jservi biex jispjega l-portata legali tal-kliem "on becoming aware", fis-sens li l-obbligu jeżisti anki meta "there exists only a reasonable suspicion that the disease is etc.'';

Issa, għalkemm hu veru li l-każ donnu ma kienx każ ċar għal kollox ta' difterite, tant li t-test batterjoloġiku ma kienx pożitiv, u li wara l-operazzjoni l-affann tal-pazjent, li messu batta, ma battiex, eppure s-sintomi kliniċi kienu, kif jidher mill-kumpless tal-provi rettament valutati, biżżejjed biex almenu jiġġeneraw suspett raġjonevoli ta' difterite; u dan is-suspett kien biżżejjed, skond il-liġi, biex joħloq l-obbligu tar-rapport tal-każ lill-Awtorità Sanitarja;

Diversament, f'każijiet molteplici, jista' jiġri li r-rapport jingħata meta l-ħsara tal-kontaġju jew infezzjoni tkun diġà ġrat għad-dannu tas-saħħa pubblika;

Id-difiża ssottomettiet ukoll li l-art. 7 fuq imsemmi ma hux tali li jimponi l-obbligu taċ-ċertifikat lil kull wieħed mit-tobba li jkollu l-marid taħt il-kura tiegħu, jew li jkun ġie msejjaħ biex jaraħ, imma li hu suffiċjenti li r-rapport isir minn wieħed mit-tobba, meta, bħal f'dan il-każ, tkun saret konsulta u jkun hemm aktar minn tabib wieħed; u żiedet tgħid id-difiża li, f'dan il-każ odjern, ir-rapport sar minn wieħed mit-tobba li raw lil dan il-pazjent, u konsegwentement l-appellant hu eżenti mir-responsabilità li qegħedha taddebitalu l-Prosekuzzjoni;

Il-Qorti ma hix inklinata taċċetta din l-interpretazzjoni tal-liġi; għal dawn ir-raġunijiet:—

1. Meta l-liġi riedet teħles mill-obbligu tar-rapport lil xi ħadd mill-obbligati, minħabba li jiġi sostitwit ħadd ieħor f'dak l-obbligu, qaltu espressament, kif għamlet fl-aħħar proviso ta' l-artikolu 8. (Skond dan il-proviso, il-persuni obbligati skond l-art. 5 u 6 jiġu meħlusa mill-obbligu minħabba li jidħol l-obbligu tat-tabib. Hu għalhekk il-każ li jingħad "lex ubi voluit dixit'';

2. Il-kelma "every" fit-test ingliż hi ċertament aktar qawwija milli kieku kien hemm il-kelma "any''; u fil-kon-

test, tekwivali għall-kelma "each". Dan ikkonfermat mit-test antik taljan, fejn kien jingħad "Sarà dovere di ogni medico etc."; u "ogni" etimoloġikament tfisser "ciascuno";

3. Anki "stratto legis" tissuffraga din l-opinjoni tal-Qorti: għaliex, f'każ ta' pluralità ta' tobba, jista' jiġri l-inkonvenjent li kull wieħed mit-tobba jaħseb li sejjer jirraporta l-ieħor u l-każ jibqa' mhux denunzjat, bi preġudizzju għas-saħħa pubblika;

Għal dawn il-motivi;

Tiddeċidi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata;

Il-Qorti tirrakkomandalu lill-Avukat tal-Kuruna li jissottometti lic-Chief Government Medical Officer l-espedjenza li jiġu ċirkolarizzati t-tobba eżerċenti b'din l-interpretazzjoni tal-art. 7 Kap. 59, biex jistgħu jirregolaw ruħhom.